MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### MARK CHETCUTI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 265/2011/1

**Carmel sive Charles Farrugia**

**vs**

**Mariella Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Carmel Farrugia tat-30 ta’ Jannar 2012;

Rat ir-risposta ta’ Mariella Azzopardi tat-22 ta’ Marzu 2012;

Ir-rikorrenti qed jipprezenta din it-talba biex il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-decizjoni taghha tat-30 ta’ Jannar 2012 fejn illiberat lil konvenuta fil-kawza fl-ismijiet Carmel sive Charles Farrugia vs Mariella Azzopardi (Rik. Gur. 265/2011).

Ir-raguni ghal tali talba hi li r-rikorrenti wasal il-Qorti fid-9.00am biex jigi infurmat li kien hemm theddida ta’ bomba u kulhadd kien hiereg il-barra. Inoltre hu informa lill-avukat ta’ fiducja tieghu u meta dan wasal il-Qorti ftit minuti wara, xorta irnexxielu jidhol, nonostante li n-nies kienu qed jinhargu l-barra mill-ufficjali tal-Qorti, biex jiccekkja x’sar mill-kawza.

Ir-rikorrenti qed jitlob ir-revoka tad-decizjoni tal-Qorti billi kien hemm raguni ufficjali ghaliex ma kienx prezenti ghas-smigh tal-kawza fid-9.00am.

L-intimata opponiet ghal din it-talba kemm ghaliex id-decizjoni tal-Qorti hi sentenza li minnha jsir biss appell u kemm ghaliex il-Qorti ipposponiet il-kawza darbtejn u r-rikorrenti ma attendiex, sakemm wara l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

Il-Qorti semghet lid-Direttur Generali tal-Qrati fl-udjenza tal-10 ta’ Mejju 2012 li nformaha li illi t-theddida ta’ bomba dahlet fid-9.10am permezz ta’ telefonata u minnufih bdew jigu nfurmati l-awli u jigu evakwati n-nies. Hu zied li circa tmien minuti wara hadd ma jithala jidhol fil-bini tal-Qorti pero l-evakwazzjoni iddum aktar. L-awli jigu nfurmati wara xi ftit minuti wkoll.

**Eccezzjoni ta’ nullita tal-proceduri**

L-intimata tikkontendi li l-liberazzjoni tal-intimata hi sentenza u r-rikorrenti kellu jappella mhux jistitwixxi rikors revoka.

Il-Qorti tirreleva illi f’din il-kawza ma nghatatx sentenza billi stante n-nuqqas ta’ prezenza tar-rikorrenti u l-avukat tieghu fil-kawza, il-Qorti illiberat lill-intimata mill-osservanza tal-gudizzju. Dan hu provvediment tal-Qorti fejn l-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 jistabilixxu terminu perentorju li fih il-parti sokkombenti tista’ titlob ir-riappuntament tal-kawza, pero dan ghal darba wahda biss. Jekk il-liberazzjoni issehh darbtejn bhal f’dan il-kaz, il-parti sokkombenti ma tistax titlob ir-riappuntament tal-

kaz u l-Qorti tkun nehhiet minn quddiemha l-kawza. Pero l-Qorti tqis li l-provvediment tal-Qorti ma jkunx iddecieda l-vertenza u illi l-ligi ma taghmilx xi divjet li l-azzjoni terga' tigi proposta. Il-provvediment tal-Qorti ma jikkostitwix res judicata tal-mertu. Kull ma jaghmel il-provvediment hu li jipprojbixxi lir-rikorrenti milli jkompli b'dik il-kawza partikolari u xejn aktar (ara f'dan is-sens **Ellul Sullivan vs Dimech**, App Civ, 13/12/1998).

Il-ligi ma tiehux konjizzjoni ta' dan it-tip ta' provvediment bhala digriet li l-parti sokkombenti tista' tappella minnu (ara artikolu 229 tal-Kap. 12) u ghalhekk ir-rikors ghar-rikonsiderazzjoni maghmul mir-rikorrenti kien proceduralment monk ghax hi l-ligi li taghi dritt procedurali u mhux il-parti li jikkrejah. Hu gurisprudenza kostanti li provvedimenti li jridu jigu attakkati fejn il-ligi ma tipprovdix mod specifiku ghal dan, isir b'rikors guramentat biex jigi attakat il-provediment kif sottolineat mill-Qorti fl-Appelli Civili Inferjuri **Anthony Grech vs Christian Kind**, 26/04/2012:
Fil-fatt id-decizjoni tal-Ewwel Qorti tammonta ghal digriet li ma hemm ebda appell minnha u jista' jigi revokat biss bi proceduri appositi mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba tirrevoka dak id-digriet u huwa biss minn tali decizjoni li hemm dritt ta' appell quddiem din il-Qorti

Il-Qorti tqis li dak l-insenjament japplika bl-istess mod anki f'dan il-kaz fejn il-ligi ma taghti ebda drittijiet ta' revizjoni tal-provvediment tal-liberatorja skond l-artikolu 199 oltre dak li taghti l-istess ligi.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimata pero mhix ghar-ragunijiet li ressqet l-intimata.

**Mertu**

Il-Qorti pero ghal kompletezza tkompli zzid rigward il-mertu kif gej.

Jidher mill-atti li n-nuqqas ta' apparizjoni ghal kawza, tar-rikorrenti u l-avukat tieghu kienet gia sehhet fid-differiment

ghal provi tar-rikorrenti fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011. F’dik l-okkazzjoni r-rikorrenti kien approfitta ruhu mid-dispost tal-ligi fuq citat u talab ir-riappuntament tal-kawza.

Il-Qorti laqghet it-talba u regghet irriappuntata ghas-seduata tat-30 ta’ Jannar 2012.

Il-Qorti tirreleva illi f’din is-seduta kuntrarjament ghal dak li jallega r-rikorrenti, li hi l-bazi tal-ilment tieghu, it-theddida ta’ bomba ma sehhitx fid-9.00 izda fid-9.10am. Sa dak il-hin il-kawza kienet gia ssejhet u giet posposta mill-Qorti. Il-kawza kienet appuntata ghad-9.00am. L-intimata u l-avukat taghha kienu fl-awla sa mid-9.00am, hin li bdiet is-seduta. Bejn posponiment u iehor gew imsejha kawzi ohra mill-Qorti u nstemghu.

Ir-rikorrenti li xehed quddiem il-Qorti ammetta li kien fil-kuridur tal-Qorti anki meta sema’ l-ghajdut ta’ theddida ta’ bomba u sema’ l-kawza tissejjah almenu f’wahda mid-drabi li ssejhet pero ma dahalx fl-Awla ghax l-avukat tieghu kien ghadu ma giex.

Il-provvediment ta’ liberazzjoni mill-gudizzju sar kif gie rimarkat mill-intimata ghal habta tal-9.40am u ftit hin wara ufficjal tal-Qorti nforma lil Qorti li kien hemm theddida ta’ bomba, fejn allura l-Qorti lestiet il-kawzi quddiemha u pposponiet il-kawzi l-ohra fuq il-lista, izda dan wara li kien sar il-provvediment f’din il-kawza.

Jirrizulta wkoll mix-xiehda tar-rikorrenti illi kemm hu u l-avukat tieghu dahlu fl-awla appena kien sar il-provvediment u qabel ma l-Qorti pposponiet il-kawzi l-ohra u dan tikkonfermah l-istess Qorti u ghalhekk il-Qorti ssibha difficli taghti sahha lill-ilment tar-rikorrenti ibbazat fuq l-allegazzjoni li t-theddida sehhet fid-9.00am u ghalhekk ma setghax jidhol fl-awla. Ir-rikorrenti kien fejn l-Awla, sema’ l-kawza tissejjah u ma dahalx. Baqa’ fil-bini tal-Qorti w anki dahal fl-Awla mal-avukat tieghu wara li sar il- provvediment u qabel ma l-Qorti pposponiet il-kawzi.

Il-Qorti tqis in-nuqqas ta’ attendenza tar-rikorrenti u l-avukat tieghu ingustifikata u kwindi tilqa’ l-eccezzjoni tal-

intimata li l-procedura uzata mir-rikorrenti hi irritwali u fi kwalunkwe kaz u f’dawn ic-cirkostanzi u anki fil-mertu tichad it-talba, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------